MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 116/2007

Peter Paul Muscat u martu Valeri

Vs

Mario Muscat

Il-Qorti,

**Eccezzjoni ta’ *res judicata* – Fl-ewwel kawza l-attur kien ibbaza l-azzjoni fuq ir-raguni li l-konvenut kien xtara proprjeta’ bhala *prestanome* tieghu. Fil-kawza tal-lum l-atturi qeghdin isostnu li l-fond inxtara mill-konvenut bhala *negotiorum gestor* taghhom.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-12 ta’ Ottubru 2007 li permezz tieghu l-atturi pprmettew u talbu:

Il-konvenut akkwista f’ismu l-fond ossija bungalow bla numru u bla isem flimkien ma’ garage bla numru ufficjali formanti parti intergrali mill-imsemmija bungalow, u l-art li

ticcirkondaha maghrufa bhala “Tal-Gudja” sive “Tal-Kanura” fid-distrett maghruf bhala “Tal-Ghormos”, limiti ta’ Had-Dingli, liema bungalow huwa accessibbli minn triq gdida minghajr isem, liema proprjeta’ tokkupa arja superficjali ta’ cirka disat itmiem, ekwivalenti ghal cirka ghaxart elef mija u sittax il-metru kwadru (10,116m2) u konfinanti kollox mill-punent ma’ sqaq, mill-lvant u min-nofsinhar ma’ toroq godda minghajr ismijiet, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha, u dan permezz ta’ kuntratt ippublikat min-Nutar Carmel Mangion fil-15 ta’ April, 1995.

Permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta’ Settembru, 2007, it-talba tal-atturi sabiex jigi dikjarat illi l-konvenut jiddetjeni l-imsemmija proprjeta’ bhala mandatarju *prestanome* taghhom giet michuda, billi *inter alia* – izda principalment – il-ghaliex l-atturi naqsu milli jippruvaw sodisfacentement illi konvenut kien mandatarju konvenzjonali tal-atturi.

Izda n-negozju esperit mill-konvenut flimkien mal-venditrici tal-immobbli *de quo* kien wiehed appartenenti ghall-atturi odejrni, u sar mill-konvenut minn rajh meta r-rikorrenti kienu assenti minn dawn il-Gzejjer.

Ghalhekk, in mankanza ta’ mandat konvenzjonali jirrikorru l-elementi kollha sabiex jigi stabbilit illi l-konvenut fl-akkwist tal-immobbli minn rajh bhala *negotiorum gestor* ghall-beneficcju tal-atturi, meta dawn kienu assenti minn Malta, u ma setghux jikkompletaw in-negozju.

Il-fatti tal-kaz fil-qosor sehhew kif gej.

Peter Paul u Mario Muscat huma ahwa min-Nadur, Ghawdex.

Peter Paul emigra lejn l-Amerika fl-1964 meta kellu tmintax il-sena, u meta huh Mario kien ghad kellu hames snin.

Missierhom kien bahri, u ma kienx fakoltuz, izda kien jghajjex il-familja dinjitozament u onestament bil-paga, u biha rabba familja ta' tmient itfal.

Peter Paul kellu access fl-Amerika fis-settur tad-disinn awtomobilistiku, u huh Mario gieli mar u hadem mal-azjendi ta' Peter Paul fl-Amerika.

Fl-1978, meta l-intimat kellu dsatax il-sena u ma kienx jahdem, biex jghin lil huh Mario u lil huh iehor Edwin (li kellu wiehed u ghoxrin sena), l-attur xtara bicca art imsejjah Tal-Bingemma fin-Nadur, u peress illi r-Peter Paul ma kienx residenti Malta, fil-kuntratt deher illi l-konvenut flimkien ma' huhom l-iehor Edwin xtraw l-art, b'self minghand ir-rikorrent.

Ghall-habta tal-1991, in-negozju tar-rikorrent fl-Amerika kellu l-problemi dovuti ghal embargo fuq bejgh ta' prodotti mill-Amerika lill-Jugoslavia.

Sadanittant, ir-rikorrent kien iffinanzja lil hutu Mario u Edwin sabiex jibdew fabbrika ghall-bini tal-boats f'Ghawdex, liema negozju kien operat b'kumpannija jisimha Muscat Marine Limited immexxijja kompletament mill-intimat Mario, izda li fiha kien direttur ukoll Edwin.

Fl-1994, l-atturi ddeciedew jirritornaw Malta, u riedu isibu propjeta' xierqa fejn jghixu mal-familja.

Mario Muscat baghat ir-ritratti ta' xi proprjetajiet lill-atturi, u Valerie Muscat flimkien mat-tfal taghhom ghazlet wahda minnhom li tinsab fir-Rabat, Malta, mir-ritratti waqt li kienet ghadha l-Amerika.
In-negozjati ghall-akkwist tal-propjeta' saru minn Peter Paul mar-rapprezentant tal-kumpannija venditrici, certu Joe Cassar ghal Cranes and Commercials Sales Limited, li huwa Ghawdxi.

Fejn kien solitu ghall-partijiet illi f'negozju tal-atturi gewwa Malta u Ghawdex kienu jintervjenu f'daqqa sia Mario kif ukoll hu l-partijiet Edwin, f'dan il-kaz, ad insaputa tal-atturi

u ta’ Edwin, il-konvneut qabad u akkwista l-propjeta’ immobbli minghajr ma gharraf lill-atturi u lil Edwin.

L-immobbli gie akkwistat fi stat ta’ gebel u saqaf u meta irritornaw Malta permanetement fl-1996, l-atturi ghamlu xogholijiet kollha fl-immobli u rrendewha abitabbli.

Il-prezz miftiehem ghal din il-propjeta’ kien ta’ mija u hamsa u sittin elf lira Maltija (Lm165,000) li kellhom jithallsu kwantu ghal Lm95,000 f’kontanti u l-bilanc in specje billi l-atturi kkommissjonaw u hallsu lil Muscat Marine Limited tibni lanca ghal Cranes and Commercials Sales Limited.

Ghal dan il-ghan, Peter Paul Muscat xtara tliet hulls ghal Muscat Marine Limited, u huh Mario Muscat kellu jiehu hsieb li din tlesti wahda minnhom ghal Joe Cassar ghal Cranes and Commercials Sales Limtied.

Kwantu ghall-parti tal-kontanti, Peter Paul Muscat innegozja is-self mill-bank.

M’ghandux jintesa illi bejn il-partijiet tezisti rabta ta’ demm, huma ahwa, u f’dak iz-zmien l-atturi kienu jghixu barra minn Malta.

Gara pero’ illi dakinhar li sar il-bejgh tal-immobbli, il-konvenut kien indempjenti fl-obbligu tieghu li jipprokura il-kunsinna tal-lanca lill-kumpanija venditrici.

Ghalhekk, biex il-venditrici tikkawtela ruhha ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz (Lm70,000, pagabbili in specie mill-konvenut, li kien gia thallas mill-atturi) dakinhar stess tal-vendita tal-immobbili fil-15 ta’ April, 1995, gie ppublikat kuntratt fejn gie simulat illi Cranes and Commercial Sales Limited hallset Lm70,000 tal-lanca lill-intimat, li impjena ruhu li jikkonsenjaha lill-venditrici f’terminu prestabbilit.

B’hekk, il-venditrici ottjeniet ipoteka generali kontra l-konvenut.

Il-konvenut naqas milli jikkunsinna il-lanca lil Cranes and Commercial Sales Limited fit-termin prestabbilit, u permezz ta' att iehor ippublikat min-Nutar Peter Fleri Soler fil-5 ta' Mejju, 1997, il-konvenut kkonstitwixxa ruhu debitur a favur il-venditrici fis-somma ta' Lm80,492.56, u ggarantixxa l-hlas permezz ta' ipoteka generali.

L-ghada, dik l-ipoteka generali giet ridotta ghal wahda specjali fuq l-immobbli li jinsab f'isem l-intimat fir-Rabat, Malta.

Sadanittant, ghall-habta tal-1996, Peter Paul Muscat, wara imbekkata ta' missieru li kien fuq is-sodda tal-mewt, skopra illi Mario, wara dahar Edwin u abbuza minn prokura li kellu ta' Edwin, beda juza l-art tan-Nadur wara dahar sidha Peter Paul u *ad insaputa* tieghu, sabiex jissellef somom notevoli mill-banek.

Wara ftit, Peter Paul Muscat skopra illi Muscat Marine Limited kienet ukoll akkumulat djun kbar.

Sa dan iz-zmien, ir-relazzjoni bejn l-ahwa kienet ghada tajba, izda wara x-xokk tal-iskoperti tad-djun l-attur Peter Paul skopra ukoll illi ghal xi raguni l-konvenut ikkonceda dritt ta' passagg fuq l-art tan-Nadur li verament irrovinat parti sostanzjali mill-istess art, u naqqset il-valur taghha konsiderevolment;

Hawnhekk, ir-relazzjonijiet bejn l-ahwa hadu tisbita; l-atturi qatt ma ppretendew illi l-intimat jaghmel minn hwejjighom li kienu f'ismu b'fiducja minghajr il-permess taghhom, u anke ddispona minnhom permezz tal-ghoti tad-dritt ta' passagg lil terzi ad insaputa taghhom.

Min naha l-ohra, l-intimat inbidel, anke wara taqlib li kellu fil-hajja privata tieghu.

Intant pero', qabel ma tkissru r-relazzjonijiet bejn l-ahwa, Cranes and Commercial Sales Limited pprocediet bis-subbasta kontra l-konvenut, u talbet il-bejgh bl-irkant tal-immobbli tal-atturi mizmum fiducjarjament mill-konvenut.

F'dawn il-proceduri intervjena il-bank kreditur, bis-sahha ta' sentenza ohra li kellu kontra Mario Muscat.

Bil-fatt illi issa r-relazzjonijiet hadu xejra ghall-aghar, l-atturi riedu illi l-propjeta' fir-Rabat, Malta iddur f'isimhom, izda l-konvenut irrifjuta li jdawwar il-propjeta' tar-Rabat, Malta f'isimhom il-ghaliex hu jallega illi ma kienx *prestanome* tal-atturi;

Meta intervjena volontarjament fin-negozju tal-akkwist tal-immobbli fir-Rabat, Malta, ad insaputa tal-atturi izda evidentement biex jikkompleta negozju taghhom fil-kwalita ta' *negotiorum gestor*, il-konvenut dahal f'rapport fiducjarju mal-atturi;

L-Art. 1124A (5) tal-Kodici Civili jaghti l-jedd lill-atturi b'zieda ma' kull rimedju iehor skond il-ligi', illi f'kaz illi persuna hija soggeta ghal obbligazzjoni fiducjarja tagixxi bi ksur ta' dik l-obbligazzjoni, huwa jigi kkundannat jirritorna kull propjeta' kif ukoll il-beneficcji kollha li huwa jakkwista, lill-persuna favur liema hija dovuta dik l-obbligazzjoni fiducjarja.

Il-konvenut irrikonoxxa l-obbligu li jipprokura u jahdem lanca ghal Cranes and Commercials Sales Limited li hallsu ghaliha l-atturi lill-konvenut, u huwa maghruf illi l-konvenut naqas milli jesegwixxi dak l-obbligu u b'hekk naqas illi jwassal l-affari sat-tmiem bi ksur tal-Art. 1013 tal-Kodici Civili.

Dan in-nuqqas da parti tal-konvenut pprovoka il-bejgh bis-subbasta tal-immobbli fir-Rabat, Malta, fejn jghixu l-atturi mal-familja, li ma jistghux jilliberawha mill-pizijiet u ipoteki li biha mghobbija sakemm tibqa' f'isem l-intimat u jghixu fiha bil-familja minghajr ma jigu molestati.

Dan ukoll huwa sinjal car tal-veracita tal-allegazzjonijiet tal-atturi illi m'huwiex minnu illi l-propjeta' hi tal-konvenut, ghax liema hu dak il-propjetarju li ma jaghmel assolutament xejn biex isalvaha.

Tesisti kawza ohra quddiem din l-Onorabbli Qorti (Cit. Nru. 43/05 AE) fejn ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni li l-pagament tas-somma ta' Lm70,000 li gie allegat li sar bis-sahha tal-kuntratt minn Cranes and Commercials Sales Limited lill-konvenut huwa *ictu oculi* simulat, u qatt ma sar, u ghalhekk is-subbasta pprovokata originarjament b'dak l-att hija nulla u minghajr effett, u kull att konsegwenti ghall-istess att huwa ukoll null u minghajr effett.

L-atturi jikkontendu illi l-konvenut qieghed jikser l-obbligu fiducjarju tieghu illi jirritorna l-immobbli, u ghalhekk ghandu jigi kkundannat kif irid l-Art. 1124A (5), inkluz kull beneficcju derivanti lilu direttament u indirettament, bil-benefikati maghmula fl-istess immobbli kif irid l-Art. 1124A (6).
L-atturi talbu lil din il-Qorti :-

1. Tiddikjara illi meta permezz ta' kuntratt ippublikat min-Nutar Carmel Mangion fil-15 ta' April, 1995, (Dok. A) il-konvenut akkwista f'ismu l-fond ossija bungalow bla numru u bla isem flimkien ma' garage bla numru ufficjali formanti parti intergrali mill-imsemmija bungalow, u l-art li ticcirkondaha maghrufa bhala 'Tal-Gudja' sive 'Tal-Kanura' fid-distrett maghruf bhala 'Tal-Ghormos', limiti ta' Had Dingli, liema bungalow huwa accessibbli minn triq gdida minghajr isem, liema proprjeta' tokkupa arja superficjali ta' cirka disat itmiem, ekwivalenti ghal cirka ghaxart elef mija u sittax-il metru kwadru (10,116mk) u konfinanti mill-punent ma' sqaq, mill-lvant u min-nofsinhar ma' toroq godda minghajr ismijiet, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha, huwa kien qieghed jagixxi bhala *negotiorum gestor* ghall-affari tal-atturi.

2. Tiddikjara illi bin-nuqqas illi jikkonsenja l-lanca, il-konvenut kiser l-obbligu fiducjarju tieghu li jissokta fit-tmexxija tal-affari u jwassalha sat-tmiem.

3. Konsegwentement, bl-applikazzjoni tad-dispost tal-Art. 1124A(5) u (6) tal-Kodici Civili, tikkundana lill-konvenut irodd lura l-immobbli imsemmi fl-ewwel talba, flimkien mal-beneficcji l-ohra kollha talvolta miksuba minnu, sew direttament sew indirettament, lill-atturi.

4. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att li bih l-immobbli msemmi jigi ritornat lill-atturi f'jum, hin u lok li joghgobha tappunta din il-Qorti, u kuraturi deputati sabiex jagixxu flok il-konvenut f'kaz tal-kontumacja tieghu.

Rat ir-risposta guramentata prezentata minn Mario Muscat fis-6 ta' Dicembru 2007 (fol. 33) fejn b'mod preliminari eccepixxa li l-azzjoni hi res judicata in forza ta' sentenza li nghata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat pro et noe et**.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Gunju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti huma s-segwenti:
(a) Il-kawza titratta l-fond li fir-rikors guramentat gie deskritt mill-atturi bhala *"….bungalow bla numru u bla isem flimkien ma' garage bla numru ufficjali formanti parti integrali mill-imsemmija bungalow, u l-art li ticcirkondaha maghrufa bhala Tal-Gudja sive Tal-Kanura fid-distrett maghruf bhala Tal-Ghormos, limiti ta' Had Dingli, liema bungalow huwa accessibbli minn triq gdida minghajr isem, liema proprjeta' tokkupa arja superficjali ta' cirka disat itmiem, ekwivalenti ghal cirka ghaxart elef mija u sittax il-metru kwadru (10,116m2) u konfinanti kollox mill-punent ma' sqaq, mill-lvant u min-nofsinhar ma' toroq godda minghajr ismijiet, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha."*.

(b) Dan il-fond inxtara f'isem il-konvenut permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Carmel Mangion tal-15 ta' April 1995.

(c) Permezz ta' kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Cit. nru: 51/2002) l-attur talab dikjarazzjoni li:-

i) Din il-proprjeta' li giet *"….akkwistata mill-konvenut Mario Muscat permezz ta' kuntratt ta' xiri fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tal-15 ta' April, 1995* ***hija proprjeta' ta' l-attur Peter Muscat*** *ghaliex giet akkwistata fl-isem u fl-interess ta' l-istess attur u bhala 'presta nome' tieghu."* (enfazi tal-Qorti);

ii) *"Konsegwentement tiddikjara li s-subbasta fl-ismijiet Cranes and Commercial Sales Limited vs Mario Muscat proprio et nomine subbasta numru 16/1999, tigi ddikjarata nulla u bla effett peress li jirrigwarda proprjeta' li ma tappartenix lid-debitur.".*

iii) *"Tirrexxindi u tannulla l-istess proceduri tas-subbasta.".*

iv) *"Tordna t-trasferiment tal-fond fuq imsemmi favur l-attur permezz ta' att pubbliku, bin-nomina u dana billi jigi nominat Nutar Pubbliku Malti sabiex jippubblika l-att tat-trasferiment effettiv, fid-data, hin u lok li jigu stabbiliti, u bin-nomina ta' kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att ta' trasferiment effettiv.".*

(d) B'sentenza tas-27 ta' Jannar 2005, it-talbiet tal-attur gew michuda mill-qorti tal-ewwel grad. B'sentenza li nghatat fit-28 ta' Settembru 2007 (fol. 38), il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-attur u kkonfermat li bil-kuntratt tal-15 ta' April 1995 Mario Muscat kien xtara f'ismu personali.

(e) Permezz tal-kawza odjerna, li wkoll tittratta dwar il-fond fuq imsemmi, l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li meta l-konvenut Mario Muscat xtara l-proprjeta' permezz tal-kuntratt tal-15 ta' April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion, *"….huwa kien qieghed jagixxi bhala negotiorum gestor ghall-affari tar-rikorrenti."* (fol. 6). Talbu wkoll li:-

*"(2) Tiddikjara illi bin-nuqqas illi jikkonsenja l-lanca, l-intimat kiser l-obbligu fiducjarju tieghu li jissokta fit-tmexxija tal-affari u jwassalha sat-tmiem;*

*(3) Konsegwentement, bl-applikazzjoni tad-dispost tal-Art. 1124A (5) u (6) tal-Kodici Civili, tikkundanna lill-intimat irodd lura l-immobbli imsemmi fl-ewwel talba, flimkien mal-beneficcji l-ohra kollha talvolta miksuba minnu, sew direttament jew indirettament, lir-rikorrenti;*
*(4) Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att li bih l-immobbli msemmi jigi ritornat li-rikorrenti f'jum, hin u lok li joghgobha tappunta din il-Qorti, u kuraturi deputati sabiex jagixxu flok l-intimat f'kaz tal-kontumacja tieghu."*.

2. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi li l-mertu tal-kawza hi *res judicata*. Waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur tal-atturi filwaqt li kkonferma li m'hemmx kwistjoni li f'dan il-kaz jezistu l-elementi ta' *eadem res* u *eadem personam*[1] ghal dak li jikkoncerna l-ewwel talba, argumenta li m'hemmx l-element ta' *eadem causa petendi*. Fil-fatt spjega kif il-materja ta' *negotiorum gestio* qatt ma giet trattata fil-kawza l-ohra li saret gudikat bis-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007. Hu evidenti li l-atturi qeghdin jippretendu li jinnewtralizzaw l-effikacja tal-gudikat billi ghamlu kawza fejn issa qeghdin jippretendu li fl-akkwist tal-fond il-konvenut agixxa bhala *negotiorum gestor* u mhux *prestanome*, pero' dejjem fl-interess taghhom. Il-kaz idur madwar ix-xiri tal-fond fuq imsemmi, li eventwalment b'ordni tal-Qorti kien rega' nbiegh fi proceduri ta' bejgh bl-irkant. Illum l-atturi qeghdin isostnu li meta Mario Muscat xtara l-proprjeta' in kwistjoni permezz tal-kuntratt tal-15 ta' April 1995 li gie pubblikat min-nutar Carmel Mangion, hu kien qieghed jagixxi bhala *negotiorum gestor*. *Negotiorum gestio* tikkonsisti fl-amministrazzjoni tal-affarijiet ta' haddiehor minghajr ma jkun inghata mandat, u ghalhekk tista' tghid b'mod spontanju. Skond l-Artikolu 1013 tal-Kodici Civili:

[1] Ara wkoll il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Gunju 2008.

**1013.** Jekk persuna ta' l-età u kapaċi li tikkuntratta, minrajha tindaħal għal affari ta' persuna oħra, hija ssir suġġetta għall-obbligu li tissokta fit-tmexxija ta' l-affari li tkun bdiet u li twassalha sat-tmiem, sakemm il-parti interessata tkun tista' hija nfisha tieħu ħsieb dik l-affari, u għandha tieħu ħsieb ta' dak kollu li jkun jiddependi minn dik l-affari, u hija suġġetta għall-obbligazzjonijiet kollha li jġib miegħu mandat.

Minn qari tar-rikors guramentat hu evidenti li l-atturi qeghdin jaghmlu minn kollox biex jipprovaw isalvaw sitwazzjoni li hi ddisprata. Fl-ewwel kawza l-attur kien qieghed jargumenta li l-konvenut kellu jixtri l-fond fl-interess tieghu u bhala *prestanome* tieghu[2], u li fiz-zmien li nxtrat il-proprjeta' l-attur ma kienx residenti Malta u dan il-fond kellu jkun ir-residenza tal-attur u tal-konvenut appena jigu lura jghixu Malta. F'kaz ta' *prestanome* ghandek ftehim bejn il-partijiet. Min-naha l-ohra l-atturi qeghdin illum isostnu li l-konvenut kien qieghed jagixxi bhala *negotiorum gestor*, cjoe' fejn l-agent ikun agixxa minn jeddu. Fir-rikors guramentat l-atturi ppremettew: *"Fejn kien solitu ghall-partijiet illi f'negozji tar-rikorrenti gewwa Malta u Ghawdex kienu jintervjenu f'daqqa sia l-intimat Mario kif ukoll hu l-partijiet Edwin, f'dan il-kaz, ad insaputa tar-rikorrenti u ta' Edwin, l-intimat qabad u akkwista l-proprjeta' immobbli minghajr ma gharraf lir-rikorrenti u lil Edwin."* (fol. 3). *Negostiorum gestio* jissemma taht il-ligi tal-kwazi-kuntratti, u skond l-Artikolu 1012 tal-Kodici Civili (Kap. 16):

**1012.** Il-kważi-kuntratt huwa fatt leċitu u volontarju, li minnu toħroġ obbligazzjoni lejn persuna oħra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin.

*"Obligations are formed, not only by proper contracts, but by quasi-contracts. These are constituted not by explicit consent, as proper contracts are, but ex re; that is, merely by one of the parties doing such deed as in their nature infer an obligation upon him in favour of the other party, or upon that other party, though he be perhaps ignorant of it,*

[2] Fid-dikjarazzjoni guramentata qal: *"Illi l-fond fuq deskritt kien gie akkwistat mill-konvenut Mario Muscat ghan-nom u fl-interess ta' l-attur u bhala prestanome tieghu."*.

*in favour of the first…. And we may rank under the same class those arising from negotiorum gestio…..”*[3].

Madankollu kemm f'kaz ta' *prestanome* u wkoll f'kaz ta' *negotiorum gestio*, l-ezitu tal-kawza jiddependi mill-premessa li meta l-konvenut deher fuq il-kuntratt ta' xiri ma kienx qieghed jidher f'ismu personali imma fl-interess tal-konjugi Muscat. **Il-veru kwistjoni bejn il-kontendenti hi jekk il-konvenut kienx xtara il-proprjeta' fl-interess tal-atturi** li qeghdin jippretendu li l-fond hu proprjeta' taghhom ghaliex isostnu li kienet inxtrat fl-interess taghom. Minn qari tas-sentenza tal-ewwel qorti u anke tal-Qorti tal-Appell, hu evidenti li l-konkluzjoni kienet li l-fond ma kienx proprjeta' tal-attur ghaliex Mario Muscat xtara l-proprjeta' fl-interess personali tieghu u mhux ta' xi haddiehor. Ghalhekk din il-Qorti ma tista' qatt tasal biex tghid li f'dak in-negozju[4] l-konvenut kien qieghed jidher f'isem il-konjugi Muscat (irrispettivament jekk il-kaz jitqies taht il-figura ta' *prestanome* jew *negotiorum gestio*). Fl-eventwalita' li din il-Qorti tghaddi biex tittratta l-mertu ta' din il-kawza terga' tkun qeghda tqieghed in kwistjoni dak li diga' gie deciz fl-ewwel kawza u tista' taghti lok ghal sentenza ghal kollox kontradittorja ghal dik li nghatat fl-ewwel kawza. Certament li l-eccezzjoni ta' *res judicata* hi ntiza biex telimina dan il-periklu. M'hemmx dubju li l-iskop ta' din il-kawza hu tentattiv min-naha tal-atturi biex jaqilbu dak li nghad fil-gudikat fuq imsemmi. Haga li ma tistax issir. Permezz tal-ewwel talba fl-ewwel kawza, l-attur kien qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-fond hu proprjeta' tieghu ghaliex inxtara fl-interess tieghu. Talba li giet michuda mill-ewwel qorti u s-sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell. Wara li sentenza tkun ghaddiet f'gudikat m'huwiex iktar possibbli li jigu ntavolati proceduri godda li l-iskop taghhom ikun dak li jiddistrugu jew jirrestringu l-gudikat. M'ghandux jigi permess li jigu sollevati kwistjonijiet godda li jkunu diga' gew assorbiti mill-gudikat li llum sar irrevokabbli. Diga' hemm sentenza ta' din il-qorti konfermata mill-Qorti tal-Appell, li Mario Muscat xtara l-

---

[3] *An Institute of the Law of Scotland: In Four Books : in the Order of Sir George Mackenzie's Institutions of that Law*; John Erskine, George Mackenzie, James Ivory Published by Printed for Bell & Bradfute, 1828 (pagna 672-673).

[4] Il-kuntratt ta' xiri tal-15 ta' April 1995.

proprjeta' ghalih innifsu u giet michuda t-talba ta' Peter Muscat li hu proprjetarju tal-fond. Il-Qorti tal-Appell filwaqt li ddikjarat li l-ewwel qorti kienet ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi u kienet gusta fil-konsiderazzjonijiet taghha, qalet ukoll li ***"In effetti l-allegazzjoni ta' l-attur li huh il-konvenut kien deher ghalih fuq il-kuntratt ta' bejgh tal-fond in kwistjoni, ma gietx ipprovata sodisfacentement."*** (fol. 60). Minn ezami tas-sentenzi tal-ewwel u tat-tieni qorti jirrizulta bl-iktar mod car li l-attur ma rnexxilux jaghti prova sodisfacenti li l-fond inxtara minn Mario Muscat fl-interess tal-atturi[5]. Fil-fehma ta' din il-qorti ikun abbuz ghall-process gudizzjarju jekk wiehed jippermetti lill-atturi li llum jaghmlu dak li supost sar snin ilu.

Rilevanti wkoll li jissemma li ghalkemm l-ewwel citazzjoni giet impostata fuq il-premessa li l-konvenut kien qieghed jagixxi bhala *prestanome* fuq inkarigu li nghata mill-atturi, f'dik il-kawza l-attur kien xehed li kien biss wara li rritorna lura lejn Malta u mar ighix fid-dar, li skopra li l-konvenut kien xtara d-dar f'ismu proprju[6]. Fil-fatt spjega kif fiz-zmien li l-konvenut kellu jibda jinnegozja x-xiri tad-dar, kellu prokura u li *"Irnexxilna naslu f'arrangament mal-bejjiegh tad-dar dwar il-prezz u l-mod ta pagament. Jiena ghal daqstant tajt struzzjonijiet lil hija Mario sabiex jiehu mieghu lil Avukat Dr. Alfred Grech, li konna ilna ninqdew bih ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena, sabiex jassistih fuq il-kuntratt ta' xiri…..Hija Mario ma ghamel xejn minn dan, ha lil min irid jakkompanjah u xtara d-dar f'ismu."*. Din id-dikjarazzjoni hi kontradizzjoni ghal dak li l-attur ippremetta fic-citazzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi wiehed jista' jargumenta wkoll li l-mod kif giet impostata din il-kawza jirrelataw ghal fatti li kienu maghrufin lill-atturi fiz-zmien li saret l-ewwel citazzjoni. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-

---

[5] Wiehed ghandu jiftakar ukoll li: "hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess u hemm gudikat implicitu meta d-decizjoni tkun konsegwenza necessarja tad-disposizzjoni espresso ghaliex il-volonta' tal-gudikant tista' tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza. Ghalhekk jekk il-konsiderandi tas-sentenza juri bic-car li l-gudikant irritjena ma hiex fondata xi eccezzjoni ikun jidher li huwa esplicitament irrespingiha ghalkemm id-dispozittiv ma jghid xejn fuqha." (**Eugenio Borg vs Saverio Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Marzu 1952 – Vol. XXXVI.i.75).

[6] Ara affidavit li kien ghamel l-attur fil-kawza cit. nru: 51/2002 (Dok. PPM) a fol. 115.

ismijiet **Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine** deciza fis-6 ta’ Marzu 1950 (Vol. XXXIV.i.74): *“U l-fatt li dik ic-cirkustanza ma ssemmietx fir-rikors ma jnehhix l-ostakolu tan-non bis in idem. Kif irriteniet il-Qorti ta’ l-Appell ta’ Firenze f’sentenza taghha tat-30 ta’ Lulju 1907, “il giudicato si forma non solo in ordine a cio’ che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto sarebbe dovuto discutersi e non fu discusso dalla parte che doveve discutere per la propria istanza od eccezione”….. U kif gie rilevat mill-Qorti ta’ l-Appell ta’ Catania f’sentenza tal-21 ta’ Dicembru 1898, “il giudicato non viene meno per la diversita’ dei motivi della causa petendi”.”*.

3. Ghal dak li huma talbiet numru tnejn (2) u tlieta (3), ghalkemm hu minnu li dawn ma sarux fl-ewwel citazzjoni b’daqshekk ma jigix nieqes l-element ta’ *eadem res*. Kif osservat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili[7] fil-kawza **Grace Andersen vs L-Avukat Dottor Ramon Rossignaud et nomine** deciza fit-23 ta’ Ottubru 1995: *“huwa veru li biex jista’ jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita’ ta’ l-oggett, imma din l-identita’ ma hemmx bzonn tkun assoluta; basta jkun hemm l-identita fuq il-punt kontrovers.”*[8] (ara wkoll sentenza pubblikata fil-Volum XXI.i.324). Fil-fehma tal-qorti, il-fatt li t-tieni u t-tielet talba ma sarux fl-ewwel citazzjoni ma kienx ifisser li qieghed jintalab xi haga differenti. Dawn it-talbiet huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba u ma jistghux iregu minghajrha, u l-kontroversja kollha tiddependi dwar jekk fil-kuntratt ta’ xiri tal-15 ta’ April 1995 il-konvenut kienx qieghed jidher fl-interess personali tieghu jew ta’ haddiehor. Kwistjoni li l-qorti m’ghandha l-ebda dubju li nqatghet darba ghal dejjem bis-sentenza tal-qorti tal-Appell tat-28 ta’ Settembru 2007 (fol. 38). Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li *“jekk bejn it-talbiet fit-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita’ ta’ ko-ezistenza, allura jirrikorri dan ir-rekwizit tal-gudikant, i.e. l-identita ta’ l-oggett.”* (**Neg. Joseph Darmanin proprio et nomine vs**

[7] Imhallef Joseph David Camilleri.
[8] F’din il-parti tas-sentenza l-Qorti kieneta qeghda ticcita mis-sentenza pubblikata fil-Volum XXXII.ii.243.

**Carmelo Micallef proprio et nomine** deciza fit-30 ta' Gunju 1953 mill-Qorti tal-Kummerc[9]). M'hemmx dubju li b'dak li gie deciz fl-ewwel kawza, il-konvenut xtara l-proprjeta' fl-interess personali tieghu. F'dan il-kuntest ukoll hemm kontradizzjoni bejn it-talbiet fit-tieni kawza ma' dak li gie deciz fl-ewwel kawza, u t-tnejn ma jistghux jikkoezistu flimkien.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza u filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' *res judicata*, u tichad it-talbiet tal-atturi.

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Vol. XXXVII.iii.900.